Ħarġa numru 18: Marzu, 2014



# il-pont

miġbura minn Patrick Sammut

# Editorjal

"Fost l-ilsna kollha, ja lsien pajjiżi,
isbaħ u bħalek jien ma narax;
ruħi mingħajrek bħal fomm imbikkem
li jrid jitkellem u ma jistax" (A. Cuschieri);

"Semma' leħnek ja lsien ħelu,
ilsien Malti, lsien wisq bnin;
semma' leħnek b'qawwa kbira
ja lsien ħelu tal-Maltin.
Jekk ma tkunx il-kelma tiegħek,
min hu Malti, tkellem... Min?" (N. Biancardi)

Il-kwistjoni preżenti tal-għotja taċ-ċittadinanza Maltija lil min mhux Malti imma li jiflaħ iħallas il-belli liri tfakkarni fil-versi ta' Anastasju Cuschieri u Nikol Biancardi fil-poeżiji *Ilsien Pajjiżi* u *Lill-Ilsien Malti* - miktubin fl-ewwel nofs tas-seklu 20 - versi dwar l-identità vera tagħna bħala Maltin. Iċ-ċittadinanza vera ma tinxtarax bil-flus. Ċittadin Malti jista' jkun barrani, iva, imma għallinqas għandu jkollu idea tajba tal-ilsien li nitkellmu bih aħna l-Maltin (l-ilsien nazzjonali tagħna, mhux l-Ingliż), tat-tradizzjonijiet tagħna, l-istorja li missirijietna għaddew minnha. Inkellha se nkomplu ninvestu f'poplu bla imgħoddi, poplu li jgħix biss il-preżent bla ebda rispett lejn dak li għaddew minnu b'tant tbatija, determinazzjoni u sagrifiċċju missirijietna.

Basta wieħed ifakkar li waħda mill-affarijiet li teħtieġ biex issir ċittadin Amerikan - bħala eżempju - hi li tkun taf kemm taqra, titkellem u tikteb bl-ilsien nazzjonali. Hemm bżonn ukoll li jkollok għarfien tal-istorja Amerikana u anki tal-gvern li jmexxiha. Rigward iċ-ċittadinanza Awstraljana: hemm dak li jgħidulu Test taċ-Ċittadinanza li jassessja jekk dak li jkun għandux l-għarfien meħtieġ tal-Awstralja u tar-responsabbiltajiet u l-privileġġi taċ-ċittadinanza Awstraljana, u anki għarfien bażiku tal-ilsien nazzjonali ladarba l-komunikazzjoni bl-ilsien nazzjonali tgħin biex wieħed ikollu rwol iktar attiv fis-soċjetà u jgawdi kemm jista' jkun mill-edukazzjoni, ix-xogħol u l-opportunitajiet li joffri l-pajjiż. Dan biex insemmu żewġ pajjiżi biss.

Minn hawn nistaqsi: iċ-ċittadini sinjuruni li se jixtru ċ-ċittadinanza Maltija se jiġu mitluba biex jinvestu wkoll f'dan it-tip ta' għarfien? Inkella bla għarfien tal-Malti, tal-istorja ta' Malta u tal-mod kif ngħixu aħna l-Maltin x'ċittadini Maltin se jkunu? Anki jekk jagħżlu li jikkonfinaw ruħhom ġod-dgħajjes lussużi tagħhom u jiffrekwentaw il-każinos multi-miljunarji, jew lanqas biss jersqu lejn xtutna, inħoss li jkun hemm xi ħaġa li ma taħdimx sew jekk ma jintalbux jintegraw fis-soċjetà Maltija b'mod attiv u mhux biss billi jħallsu l-belli liri.

# L-AĦBARIJIET

## IMUT PATRI ALBERT SAMMUT OFM CONV.

Nhar is-27 ta' Novembru 2013 miet Patri Albert Sammut. Twieled f'Birkirkara fit-22 ta' Frar 1933. Wettaq l-istudji u l-ħidma tiegħu fi ħdan l-Ordni Franġiskan Konventwali li kien ħaddan fl-1950 wara li studja fil-Liċeo. Qatta' ħafna snin barra mill-gżejjer Maltin. Studja wkoll fil-Pontificia Facoltà Teologica San Bonaventura (Seraphicum) f'Ruma. Qatta' snin twal bħala missjunarju kemm fl-Indja kif ukoll fil-Filippini, u kien ukoll konfessur fil-Bażilika ta' San Pietru tal-Vatikan. Kien awtur ta' diversi pubblikazzjonijiet kemm ta' natura reliġjuża kif ukoll letterarja. Huwa uża diversi psewdonimi fix-xogħlijiet letterarji bil-Malti, fosthom Ab-el Kieni, Farid il-Għamra u Raħbi l-Għarib. Ippubblika ġabriet ta' poeżiji bħal *Agħdajjar* (1973), *Ilqugħ fil-Miġra* (1974), *Nixxiegħa* (sitt volumi, bejn l-1970 u l-1975), u *Il-Palk* (żewġ volumi, 1978). Kien ukoll awtur ta' għadd kbir ta' innijiet li tkantaw fil-knejjes kif ukoll waqt ċelebrazzjonijiet reliġjużi oħrajn.

## FESTA TA' TALENTI ARTISTIĊI

Nhar il-Ħadd, 16 ta' Frar, il-Grupp Vision+, bil-kollaborazzjoni ta' *The Writers Club* u *One for All and All for One*, organizzaw okkażjoni ta' tnedija ta' żewġ kotba fil-*Grand Hotel Excelsior*, fil-Furjana, bejn id-9 ta' filgħodu u t-3 ta' waranofsinhar. Iż-żewġ kotba huma *Kliem Infinit*, antoloġija ta' kittieba Maltin, u *Bejn il-Barrakka u l-Baviera*, novelli u poeżiji fuq il-Belt Valletta ta' Amanda Busuttil, Lina Brockdorff u Francis Galea, flimkien mal-artista Louise Cuschieri, u b'introduzzjoni tal-Prof. Oliver Friggieri. Waqt din l-okkażjoni ttellgħu wirjiet, esebizzjonijiet ta' fotografija, artiġjanat, letteratura u tpinġija, filwaqt li wieħed seta' wkoll jixtri kopji tal-kotba msemmija. Fost il-kelliema ħadu sehem Fr. Norbert Ellul Vincenti, il-Prof. Oliver Friggieri, u s-Sinjuri Mark Abdilla, Joyce Bonello, Dean Fenech, Charlene Valentina Giordimaina, Anton Grasso u Joseph Sultana.

## SERATA MUZIKO LETTERARJA TAL-KARNIVAL

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Frar, ittellgħet serata mużiko-letterarja tal-Karnival fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajringa, fir-Rabat, Għawdex. Dawk li attendew qraw xogħlijiet marbutin ma' żmien il-Karnival. Ħadu sehem ukoll il-kor tat-tfal *Piccole Stelle* mmexxi minn Mariella Cefai Spiteri u l-mużiċist George Camilleri.

## KOMMEMORAZZJONI MIKIEL ANTON VASSALLI

Nhar is-Sibt, 22 ta' Frar, fis-Sala Mayfair, Każin Banda San Filep, f'Ħaż-Żebbuġ, ittellgħet Lejla ta' Kommemorazzjoni f'għeluq il-250 sena mit-twelid ta' Missier l-Ilsien Malti. L-okkażjoni kienet ippresjeduta mill-Onor. Dr Godfrey Farrugia, Ministru tas-Saħħa u President Onorarju.

## ĦARĠA OĦRA TAR-RIVISTA TAL-POEŻIJA *VERSI*

Għadha kemm ħarġet *VERSI* 2014.1, ir-rivista tal-Għaqda Poeti Maltin. Fiha wieħed isib aħbarijiet mid-dinja tal-poeżija, poeżiji b'ilsna differenti ta' poeti Maltin u barranin, għajnuniet għall-istudenti li qed jistudjaw il-poeżija fil-livelli SEC u MATSEC, intervisti ma' poeti kontemporanji, u ħafna iktar. *VERSI* toħroġ tliet darbiet fis-sena u wieħed jista' jirċeviha direttament id-dar. Għal kull min jixtieq iktar tagħrif jista' jikteb fl-indirizz elettroniku ghaqdapoetimaltin@hotmail.com



Għaqda Poeti Maltin
ħarġa 2014/1

versi

l-għaqda poeti maltin u 100,000 poets for peace f'B'Kara

Bħal snin oħra, l-Għaqda Poeti Maltin flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u mal-Moviment *100 Thousand Poets for Change* organizzat Lejla Internazzjonali ta' Poeżija in kontemporanja ma' gruppi jew għaqdiet ta' poeżija diversi minn madwar id-dinja kollha li tellgħu attivitajiet ta' poeżija, mużika, mima, teatru, fotografija, powsters u żfin bit-tema tal-Paċi.

Il-lejla ta' qari ta' poeżija u mużika f'Malta seħħet fis-sala ewlenija tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara fis-7 ta' filgħaxija. Ħadu sehem għadd ta' membri tal-Għaqda Poeti Maltin u anki persuni interessati oħrajn billi qraw poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż li bosta minnhom kellhom it-tema tal-paċi u s-sostenibilità fid-dinja. Il-membru tal-Għ.P.M., Miriam Camilleri, u żewġha Michael, ħadu ħsieb il-parti mużikali. Is-serata ttellgħet ukoll bil-għajnuna tal-poetessa membru, Therese Pace, li mexxiet anki l-istess lejla. Serata bħal din għal darb'oħra reġgħet poġġiet lill-Għaqda Poeti Maltin fuq il-mappa dinjija. Dan anki billi l-poeżiji li nqraw waqt din l-okkażjoni jitqiegħdu bħal kull sena f'sit apposta (www.100tpcmedia.org) fejn ikunu jistgħu jinqraw minn persuni madwar id-dinja kollha.

versi 1

# L-AĦBARIJIET

**PROTESTA KONTRA L-GĦAŻLA TA' KANZUNETTA INGLIŻA GĦAĊ-ĊELEBRAZZJONIJIET MALTIN**

Il-Fondazzjoni Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali Maltin għażlet il-kanzunetta famuża tal-Beatles *Come Together* bħala l-kanzunetta uffiċjali għall-anniversarji nazzjonali li se jiġu ċċelebrati din is-sena. Manwel Mifsud, Professur tal-Malti fl-Università ta' Malta, sostna li l-għażla ta' din il-kanzunetta hija żbaljata. Huwa spjega li meta Malta se tiċċelebra anniversarji bħall-ħelsien mill-ħakma barranija u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea, li tinsisti fuq il-lingwi tal-pajjiżi, il-Fondazzjoni kellha opportunità biex issaħħaħ is-sens ta' għaqda billi tagħżel kanzunetta Maltija. Qal ukoll li "inutli nitkellmu favur il-kanzunetta Maltija u mbagħad f'okkażjonijiet bħal dawn tintagħżel waħda barranija." Wera t-tama li l-Fondazzjoni tagħraf l-iżball li għamlet u tiftaħ kompetizzjoni nazzjonali jew tagħżel kompożitur rinomat li jikteb kanzunetta bil-Malti. Prof. Mifsud saħaq li "l-lingwa Maltija hija marbuta mal-Identità tal-Poplu", u li minkejja li għandna nkunu kuntenti bil-lingwa Ingliża, "ma nistgħux ninsew li l-lingwa tagħna hija dik Maltija u għaldaqstant meta f'okkażjonijiet simili mmoru għal-lingwa ta' ħaddieħor inkunu mexjin fid-direzzjoni żbaljata." L-anniversarji li se jiġu ċċelebrati matul din is-sena huma l-10 snin mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, it-30 sena tar-Repubblika, il-35 sena minn Jum il-Ħeslien u l-50 sena mill-Indipendenza. [sors: www.newsbook.com.mt]

**AWTUR IRLANDIŻ JIRBAĦ IL-GUARDIAN FIRST BOOK AWARD**

F'Novembru 2013 l-awtur Irlandiż Donal Ryan rebaħ dan il-Premju prestiġjuż ta' għaxart elef sterlina Ingliża bl-ewwel rumanz tiegħu *The Spinning Heart*. L-istorja tirrakkonta l-ġlieda ta' villaġġ rurali wara l-kollass finanzjarju fl-Irlanda. Il-Ġurija qalet li r-rumanz, għalkemm mhux twil huwa ambizzjuż fl-istruttura u devastanti fis-saħħa emozzjonali tiegħu. Ir-rumanz jieħu l-forma ta' stejjer qosra li jingħadu mill-perspettiva ta' 21 persuna differenti. Dawn il-monologi jsiru ħaġa waħda biex jesprimu għajta ta' wġigħ ta' komunità fi kriżi. Fl-imgħoddi dan il-premju ntrebaħ minn Zadie Smith, Chris Ware, Yiyun Li u Kevin Powers.

**IL-PREMJU TAL-POEŻIJA T.S. ELIOT JINTREBAĦ MINN SINÉAD MORRISSEY**

Il-ġabra ta' poeżiji *Parallax* tal-poetessa mill-Irlanda ta' Fuq, Sinéad Morrissey rebħet dan il-premju T.S. Eliot u ħadet magħha 15-il elf sterlina Ingliża. Din hija l-ħames ġabra poetika tal-poetessa minn Belfast. Fiha hi tesplora l-kelma mill-angoli kollha; dan billi tħares lejn x'jinqabad jew x'jintilef, meta waqt fiż-żmien jiġi ffissat permezz ta' ritratt, mappa, pittura u anki *jigsaw*. Il-Ġurija faħħret il-ġabra poetika bħala waħda ambizzjuża mil-lat politiku, storiku u personali, u semmiet ukoll l-ilsien sabiħ użat. Dan hu premju mmexxi mill-*Poetry Book Society*, u megħjun mill-grupp TS Eliot u mill-kumpanija tal-investiment Aurum. Eżempju ieħor fejn investiment u poeżija jiltaqgħu flimkien.



**Il-poetessa Sinéad Morrissey**

**IMNIEDI L-KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA GĦAT-TFAL**

Bħal kull sena, l-Għaqda Poeti Maltin nediet il-Konkors tal-Poeżija għall-istudenti tas-sitt sena tal-Primarja u l-ewwel sena Sekondarja (studenti ta' bejn id-disgħa u l-ħdax-il sena). L-għan ta' dan il-konkors huwa sabiex trawwem l-imħabba għall-poeżija u l-kultura sa minn età żgħira. Ir-regolamenti jistgħu jinqraw fuq is-sit tal-Għ.P.M., www.ghpm.blogspot.com

# L-INTERVISTA

## P. DONAT SPITERI OFMCap



***Dawn huma siltiet minn intervista twila li Marthese Brincat kienet għamlet lil Patri Donat Spiteri OFM Cap fl-1997 fuq l-RTK. Patri Donat twieled il-Marsa fl-1922 u miet fl-2011. Anki hu huwa marbut mal-qasam tal-ktieb għax ħadem ħafna biex iwassal fid-djar il-Bibbja permezz tal-kotba* Kliem u Ħajja *u* Kif Tifhem il-Bibbja*; mela tagħlim il-Bibbja permezz tal-ilsien Malti. Minn hawn infakkar li wieħed mill-isbaħ kotba maqlubin għall-ilsien Malti huwa* Il-Bibbja ta' Patri *Pietru Pawl Saydon.***

**Xtaqt nagħmel dan il-ħsieb: "What you bring away from the Bible, depends to some extent on what you carry to it." Kif tinterpretah inti?**

Dak li tieħu mill-Bibbja jiddependi minn dak li inti tagħtiha jew tieħu lejha. Mill-Bibbja nieħdu l-Kelma t'Alla, dawl għall-ħajja tagħna, il-valuri biex nagħrfu l-liġi tiegħu kif għandna nimxu. Il-Bibbja hija ktieb tal-ħajja, għalhekk ngħidulu "Kliem il-Ħajja". Irridu nersqu lejn dan il-ktieb l-ewwel nett b'sens ta' fidi li hija l-kelma t'Alla, umiltà u dispożizzjoni.

**X'tiftakar minn tfulitek?**

Familja tax-xogħol. Missieri ħaddiem kwalunkwe, fis-sigaretti. Dak iż-żmien kien hawn ħafna; speċjalment il-Ħamrun ħafna kienu jaħdmu bl-idejn qabel ma bdew il-fabbriki. Kellu ditta ċkejkna tal-familja. Niftakru jobrom is-sigaretti bir-ramma u jtellgħu b'idejhom wieħed wieħed, u tfal iqasqsu t-truf u jqegħduhom fil-kaxxi.

**Matul it-tfulija biex kontu tilagħbu inti u ħutek?**

Normali bħat-tfal l-oħrajn ta' dak iż-żmien: is-subien bil-knisja, kollha abbatini, u nilagħbu bil-quddies. Lill-bniet inqarbnuhom bil-karti bojod taparsi nies. Ma kinux jistgħu jqaddsu magħna, u xi festi. Kienu jilagħbu bil-pupi.

**Il-Gwerra tiftakarha?**

Fil-gwerra kont novizz Għawdex.

**Dwar skola?**

Meta dħalt fil-primarja bdejna l-Latin u t-Taljan, lingwi ġodda għalija. Apparti l-istudju kont irrid ngħin lil missieri bix-xogħol. Ta' 16-il sena dħalt fin-novizzjat, disa' snin studju. Ta' 25 sena l-Ordinazzjoni Saċerdotali fit-13 ta' Marzu 1948. Wara mort Ruma għall-istudji superjuri fejn għamilt sitt snin u ħadt l-ispeċjalizzazzjoni fit-Teoloġija u fil-Bibbja, fl-Università Gregorjana, f'Kulleġġ Internazzjonali tagħna u fl-Istituto Biblico għall-istudji tal-Bibbja.

**Kienet xewqa tiegħek li tkompli fuq il-Bibbja?**

L-ewwel xewqa ġietni meta qrajt l-enċiklika tal-Papa Piju XII *Divino Afflante Spiritu* li hija *magna carta* tal-istudji bibliċi. Dak iż-żmien kont għadni student fit-Teoloġija hawn Malta u kienu waslu f'daqqa l-kotba u rivisti miżmumin. Dan wara l-gwerra. Ġiet f'idejja l-"Apostolico Gediz", rivista uffiċjali u ħassejt minnufih ix-xewqa għall-Bibbja.

**Il-Bibbja tista' teħodha letteralment?**

Il-Bibbja fiha l-espressjonijiet kollha, il-forom ta' letteratura biex niftehmu li bihom jitkellmu l-bnedmin.

**Jeżistu xi tipi ta' għajnuniet biex tifhem il-Bibbja?**

Dażgur, għandna fl-istudji tagħna. Huma kotba ta' studji tal-Bibbja, ngħidulhom prinċipji. RULES hu trattat sħiħ tal-prinċipji tal-interpretazzjoni li jgħin kif ninterpretaw il-Bibbja.

**Inti ġieli ktibt? Għandek minn dawn il-kotba?**

Iva, ġieli ktibt. Ħriġt il-librett *Kif tifhem il-Bibbja* u fih hemm elementi ta' prinċipju u ta' interpretazzjoni. Huma prinċipji komuni li jgħinu tagħraf il-kelma fiha nnifisha f'liema sens u kuntest għandha titpoġġa, xi tfisser il-kelma, x'kienet tfisser f'dak iż-żmien, x'seta' fehem biha l-awtur. Hemm ukoll prinċipji speċjali inkwantu hija l-Kelma t'Alla u tinftiehem fid-dawl tal-fidi u tat-tradizzjoni tal-Knisja.

# KTIEB MILL-QRIB

**Kav. Joe M. Attard**

**'Il-KANTIKU TAX-XAGĦRA' - Ġabra ta' poeżiji tal-ex Imħallef JJ Cremona**

Fl-2012 il-Klabb Kotba Maltin ippubblika l-ktieb tal-poeżiji *Il-Kantiku tax-Xagħra*, li ħareġ mill-pinna tal-kittieb Għawdxi mwieled ix-Xagħra fis-6 ta' Jannar 1918, John J Cremona, magħruf għall-karriera importanti tiegħu bħala ġurist fl-oqsma sew nazzjonali kemm internazzjonali u li fassal il-Kostituzzjoni ta' Malta. Iżda minn dak li qrajt, dan il-kumpajżan tagħna, li jien qatt ma ltqajt miegħu għalkemm illum jgħodd mal-95 sena, għamel ukoll isem sabiħ għalih u għal pajjiżna fil-Letteratura tant li wħud mill-poeżiji tiegħu ġew tradotti wkoll f'għadd ta' ilsna oħra. Ħareġ seba' kotba tal-poeżija li huma: *Eliotropi* (bit-Taljan fl-1937), *Songbook of the South* (bl-Ingliż fl-1940), *Malta Malta* (bl-Ingliż fl-1992), *Mas-Sebħ Għasafar* (bil-Malti fl-2004), *Ekwinozju* (bil-Malti fl-2006), *Poesie-Poems-Poeżiji* (fi tliet ilsna fl-2009) u l-ktieb bil-poeżiji bil-Malti *Il-Kantiku tax-Xagħra* (2012) li dwaru ħa ngħidu xi ħaġa hawn.




Imma qabel ngħidu xi ħaġa dwar din l-aħħar pubblikazzjoni ta' dan 'il-poeta magħruf', tajjeb li tkunu tafu li John J Cremona beda l-karriera poetika tiegħu qabel il-gwerra, l-ewwel f'Malta u mbagħad f'Ruma mnejn kiseb id-Dottorat fil-Letteratura. Hemm ukoll kien jippubblika l-poeżiji tiegħu bit-Taljan f'xi wħud mill-aħjar rivisti, rebaħ darbtejn premju fil-Mostra Nazionale di Poesia Contemporanea u ġie tradott bil-Franċiż minn Jeanne Tisseau f'*La Revue Nationale* ta' Brussell, li ddeskrivietu bħal wieħed mill-kapijiet tal-moviment letterarju żagħżugħ. Ta' min jgħid li l-poeżiji tiegħu (bl-Ingliż) dehru wkoll f'xi wħud mill-aħjar rivisti Ingliżi, Awstraljani u Amerikani kif ukoll kien ġie mistieden biex ikun il-poeta li jirrappreżenta lil Malta fl-Antoloġija prestiġjuża tal-English Association, *Commonwealth Poems Today,* u dan lura fis-sena 1967. Dan il-poeta Xagħri kien għal bosta snin Viċi President tal-*International Poetry Society* tal-Ingilterra meta kellha bħala President tagħha lil Christopher Fry. Poeżija tiegħu kienet ġiet moqrija mill-*Poet Laureate* Ingliż Cecil Day-Lewis fl-1969, u xi snin wara, fl-1992, waħda mill-poeżiji tiegħu tal-Gwerra, li iktar tard kienet ġiet ukoll immużikata minn Charles Camilleri, kienet inqrat mir-Reġina Eliżabetta t-Tieni waqt l-Inawgurazzjoni Uffiċjali tas-*Siege Bell Memorial*.

Il-ktieb li għandna f'idejna, sponsorjat mill-Bank of Valletta, għandu biblijografija ta' Mary Samut-Tagliaferro u mżewwaq b'pitturi ta' Luciano Micallef. L-awtur jaqsam il-poeżiji tiegħu f'erba' taqsimiet: Il-Kantiku tax-Xagħra, Rabta, Fi Pjazza Battala, u Il-Ħajja. Jinqeda b'versi liberi u maħlula u r-rima ftit li xejn tagħmel bih; tistenniex ngħidu aħna l-versi tas-sitta, tat-tmienja jew tal-ħdax, li ngħid għalija jien jinżluli għasel. Il-poeta jħossu komdu jitkellem mal-qarrejja tiegħu u jesprimi dak li jħoss waqt li jagħmel użu wkoll minn kliem safi u pur li bih hija għanja l-lingwa tagħna. Fit-tieni Taqsima tal-ktieb jinħass in-nuqqas ta' martu Beatrice li issa ħallietu waħdu; *Lil Marti*, *Eleġija għal Beatrice*, *Int Mort u ħallejt dellek* – dan biex nagħti xi eżempji. Jidher li l-mewt ta' martu ispiratu għal għadd ta' poeżiji liriċi li ftit jeżistu bħalhom meta tqalleb il-kotba tal-poeżija! Anton Buttiġieġ ukoll jidher li l-mewt tas-sieħba kienet tatu ġewwa sew. Mill-ewwel taqsima mbagħad nixtieq nislet il-poeżija *Ħija Edgar* li milli nista' nifhem il-poeta tilfu meta kien għadu daqsxejn ta' tarbija. Isimgħu lill-poeta fin-nostalġija tat-tfulija:

"Lil Edgar ċkejken ħija

niftakru sewwa iżda kemm kemm nafu

għax miet kważi tarbija.

Niftakar li fix-xemx

Kien jagħfas għajnejh żoroq għax isibha

wisq qawwija

iżda b'dan kollu kien jidħkilha, kien

[minn paġna 5]

jitkaxkar fl-art jistagħġeb
bin-nemel jiġru mgħaġġla geġwiġija,
kien jilgħab mal-qattus sakemm jigirfu,
kien jorqod dritt wara l-avemarija
jitbissem joħlom b'ħafna ħlejjaq oħra
li jittawlulu minn
wara l-purtieri
sakemm ħaduh ġo karru miżbugħ abjad
b'anġlu żgħir ikrah waħx
fuq kull waħda mill-erba'
kantunieri."

Naħseb li dan huwa eżempju tal-poeżija moderna f'Malta li ħiereġ mill-pinna ta' kittieb li kiser sewwa d-disgħin. Kif jistqarr l-istudjuż u kritiku Charles Briffa, "jekk il-ġrajja legali ta' pajjiżna turi l-kobor ta' Cremona bħala figura pubblika, il-kritika letterarja trid tispjegah bħala bniedem sensittiv.... l-ex imħallef ifittex iċ-ċarezza fl-espressjoni billi jinqeda bi xbihat preċiżi bħala elementi bażiċi". Jien mhux se noqgħod nikkummenta fuq kull taqsima tal-ktieb għax inkella ntawwal ħafna; inħalli għalikom li taqrawh u taraw x'hemm mistur bejn il-versi ta' dan il-kittieb Għawdxi mgħobbi bis-snin u bl-esperjenza tal-ħajja. Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nissellef xi ftit minn dak li kiteb dwaru l-awtur u kittieb Victor Fenech:

"John J Cremona jibqa' magħruf għall-ħajja professjonali tiegħu. Kien Prim Imħallef u Viċi President tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem. Huwa wkoll il-bniedem li fassal il-Kostituzzjoni l-ġdida meta Malta kisbet l-Indipendenza mir-Renju Unit fl-1964 u anki l-awtur ta' għadd ta' pubblikazzjonijiet ta' xejra kostituzzjonali. Imma Cremona huwa wkoll poeta tal-ogħla grad, poeta pur fi tliet lingwi (Taljan, Ingliż u Malti) u surmast f'kull waħda minnhom."

Il-kittieb Żebbuġi li m'għadux magħna, Frans Sammut, lil John J Cremona jsejjaħlu *Missier il-poetika Maltija moderna.*

——— o ———

## L-GĦAJTA TA' VIKRAM SETH FAVUR IL-KOMUNITÀ LGBT FI NEW DELHI

Il-komunità LGBT uriet kemm rabja kif ukoll diżappunt wara li l-Qorti Suprema fi New Delhi, fl-Indja, irrifjutat li tirrevedi l-verdett li jikkriminalizza s-sess omosesswali f'Jannar li għadda. Il-kittieb u poeta Vikram Seth ukoll esprima permezz tal-poeżija d-dwejjaq tal-komunità LGBT f'rabta ma' din id-deċiżjoni min-naħa tal-Qorti Suprema rigward id-drittijiet tal-omosesswali. Membri tal-LGBT organizzaw mixja għad-dawl tax-xemgħat f'Jantar Mantar u ħalfu li se jkomplu l-ġlieda favur id-drittijiet tagħhom. L-attivista gay, Mohnish Malhorta, sostna li huwa d-dover tal-Qorti Suprema li tipproteġi d-drittijiet fundamentali ta' kull ċittadin. Il-poeżija ta' Vikram Seth hi din:

*THROUGH LOVE'S GREAT POWER*

Through love's great power to be made whole
In mind and body, heart and soul -
Through freedom to find joy, or be
By dint of joy itself set free
In love and in companionhood:
This is the true and natural good.

To undo justice, and to seek
To quash the rights that guard the weak -
To sneer at love, and wrench apart
The bonds of body, mind and heart
With specious reason and no rhyme:
This is the true unnatural crime.

Vikram Seth twieled fl-20 ta' Ġunju 1952, f'Kolkata, fl-Indja. Kiteb rumanzi, poeżiji, kitba tal-vjaġġ, letteratura għat-tfal u anki bijografija. Fost ir-rumanzi tiegħu *The Golden Gate* (1986), *A Suitable Boy* (1993) u *An Equal Music* (1999). Fost il-ġabriet tal-poeżija: *Mappings* (1980), *All You Who Sleep Tonight* (1990) u *The Frog and the Nightingale* (1994).

# IL-POEŻIJI

**BIĊĊA SILĠ**

Għalkemm is-snin għaddew bil-gzuz
u wiċċha ddendel u xagħarha bjad
jiġu mumenti; u kif ma tafx
tiġi lejk tersaq u b'idejha sħan
rasek inżommlok …. biex fuq moħħok
tmellsek b'xufftejha u lilek tbus.

Biex dil-ħlewwa li nibtet ġo fiha
lilek tgħaddiha qabel ma tgħib u tmut.

U kif tmiss miegħek jiksħu xufftejha
jibbiesu jdejha; jitkemmxu u jikriehu!
Flok ħarsa jew mossa li tkattar dil-benna
issib kesħa li twebbes il-qlub!

Minn ħdejk 'il bogħod tersaq imriegħda u maħsuda
taqa' u tiżżerżaq, f'elf biċċa miksura!

Titfarrak, tinħall, u tispiċċa fix-xejn!

**CARMEN REFALO**

**DESPITE**

Despite the gentle morning sun I felt no warmth.
Despite the clear blue sky, I saw no light.
Despite the distant church bell, I heard no sound.
Despite the sweet blooming roses, I smelt only sorrow.

Here I lie in my bed, alone and cold
Wishing nothing more than to see you again.
Yet only in my dreams does my wish come true.
I missed the past, when you and I were chased by time.
Yet now without you here, I can only wait for time.
For time that will eventually unite us again,
Again, with your hand in mine,
Never again shall I feel lost.
Again, with your arms embraced around me,
Never again shall I feel cold.
Again, with you smiling by me,
Never again shall I feel alone.

Despite the comforts within my heart,
I never felt so lost and sad.
Despite the ache within my heart,
I never felt so numb outside.
Despite your presence within my herart,
I never felt so empty within.
Despite the many words within my heart
How will they ever reach you
When we are so far apart?

**MING GUO**

**ĦAJKU**

Żiffa fuq ramla
maħsula b'raġġ dehbieni.
Għodwa xitwija.

Ġidra fuq sedja
u basal żewġ ringieli.
Parlament-Eco.

Avviż ġo Malta
għall-poplu tagħha Malti...
bl-Ingliż imwassal.

Rixtellu mbexxaq.
In-nannu daħal b'lajma
waqt li t-tfal ħarbu.

**ANSELM SCIBERRAS**
**(minn *Umbrelel tal-Karti*)**

**NIMXU ID F'ID**

Nimxu id f'id, jien u int, lejn ix-xifer.
U arana naqbżu mill-irdum għal isfel.
U arana neżlin, b'għajnejna mitbuqin.
Bla biża' li se nitilfu xiħaġa.
Bla barxa, mingħajr selħa, bla mimsusin
mill-ħażen tad-dinja, mill-għajb tal-bnedmin.
Insibu lill-anġli fid-dawl imgħargħrin,
hemm, hemm isfelnett, b'dirgħajhom miftuħin,
iroddulna merħba, jilqgħuna henjin,
raġel u tifla li jħobbu lil xulxin.

**CARMEL SCICLUNA**
**(minn *Jasmina*)**

# MINN FUQ L-IXKAFFA




***JASMINA - POEŻIJI* ta' Carmel Scicluna, 2013.**

Din hija ġabra ta' 86 poeżija li tinfirex fuq 263 paġna u tinqasam f'ħames partijiet: Jasmina; Pentimento; Krib kiebi mill-art; Il-kalċi qiegħed ifur; u Uħud mill-versi bikrin (1989-1998). Il-ktieb għandu żewġ studji kritiċi tal-Prof. Oliver Friggieri dwar il-poeżiji ta' Carmel Scicluna. Fuq wara wieħed isib studji kritiċi oħrajn mill-pinna tal-Prof. Charles Briffa dwar ir-rumanz ta' Scicluna stess, *Barney l-Ispiżjar* (2012), ta' Patrick Sammut (dwar *Barney l-Ispiżjar* ukoll), u silta mir-rumanz *Ossessjoni*, rebbieħ tal-Ewwel Premju f'Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ (2011-2012). Fi kliem Friggieri dik ta' Scicluna hi "poeżija ta' indirizz, esperjenza verbali fil-vokattiv mill-bidu sal-aħħar. Il-poeta qiegħed jitkellem miegħu nnifsu imma bis-saħħa ta' udjenza ideali, interjuri, rappreżentata f'figura femminili." *Jasmina* jinsab imqassam fil-libreriji pubbliċi.




***UMBRELEL TAL-KARTI—ĠABRA TA' ĦAJKU U SENRIJU* ta' Anselm Sciberras, 2013.**

Hawn Anselm Sciberras qed jippreżenta l-ewwel ġabra tiegħu ta' poeżiji (177 b'kollox) fi stil Ġappuniż ta' ħajku u senriju. L-attenzjoni tingħata kollha kemm hi lin-natura u lill-ħajja tal-bniedem. Fil-konċiżjoni tagħhom dawn il-versi jgħinu lill-qarrej jinġibed lejn id-dettalji misluta u fl-istess ħin jirrifletti dwarhom. Skont il-Prof. Oliver Friggieri, Sciberras "jirrivvizita daqskemm jimraħ waħdu, jirrifletti u jiddeskrivi, jikkritika u jfaħħar, dejjem b'ton ħlejju, b'mewġa ritmika soda, b'kelma mirquma, u b'serjetà li tinħass fl-isfond anki f'waqtiet kemmxejn ċajtiera." Il-ktieb għandu daħla kritika ta' Dr Terence Portelli li jikteb, fost oħrajn: "Il-ħajku ta' Anselm Sciberras jolqtok mill-ewwel għad-delikatezza tiegħu. Il-poeta jaf jinkwadra b'ħila mument partikulari hekk li kieku ma jkunx hu li jikkristallizzah fil-kliem u fiż-żmien, jibqa' għaddej u jintesa."




***L-IMĦABBA TAL-ISTILLA POLARI - POEŻIJI ROMANTIĊI* ta' Yana Psaila, 2013.**

L-awtriċi żagħżugħa, li twieldet fis-Siberja imma ilha disa' snin tgħix f'Malta, issejjaħ lil dan il-ktejjeb *souvenir* poetiku. Jiġbor fih 11-il poeżija li hija kitbet direttament bil-Malti. Yana Psaila llum tgħid li l-Malti għaliha sar it-tieni lsien nattiv tagħha. F'dawn l-aħħar snin hija saret membru tal-Għaqda Poeti Maltin u hija frekwentatriċi attiva billi taqra regolarment il-versi tagħha bil-Malti waqt il-Lejliet ta' Poeżija li din l-Għaqda torganizza regolarment matul is-sena. Dak li joħroġ mill-versi f'din il-ġabra hu leħen romantiku għall-aħħar, imma anki riflessiv, nostalġiku, melankoniku, xi drabi saħansitra ironiku. Toħroġ ċara l-imħabba tagħha lejn l-ilsien Malti kemm fit-tħaddim meqjus ta' dan ilsienna kif ukoll f'poeżija bħal *Lill-Prof. Manwel Mifsud*. Yana Psaila tissaħħar f'kuntatt mal-qamar, tapprezza s-sbuħija tax-xemx u l-baħar li jżejnu l-gżejjer Maltin, tiddjaloga ma' preżenza inviżibbli, u ma taħfirhiex lill-plejboj Mediterranju.